# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 33/K9/21**

Data tal-laqgħa: 13 ta' Lulju 2021

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
John Agius - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (1)**

Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli (Inc. 22171/2021);

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

33.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet li tiġi skużata għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li tiġi skużata.

**33.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

33.2.01 Is-Segretarju ressaq il-Minuti 32/K9/21 għall-approvazzjoni.

33.2.03 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekondaħ.

33.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

33.2.06 Rigward il-Monument ta' Ġużi Tanti, għadna qed nistennew l-compliance certificate.

33.2.07 Fir-rigward l-iskart ġewwa Paceville, qed isiru laqgħat flimkien mal-Cleansing Department, MTA u GRTU sabiex insibu soluzzjoni ghall-problema ta' l-iskart ta' l-istabbilimenti ta' l-ikel u tinħoloq sistema bħal dik fis-seħħ fil-Belt Valletta.

33.2.08 Saret laqgħa mas-Segretarju Parlamenti Clifton Grima fejn fiha saret talba sabiex ningħataw għajnuna biex nirranġaw il-Playing Fields. Waqt din il-laqgħa ġejna mwegħda li ningħataw għajnuna finanzjarja sabiex nibdlu l-apparat li għandna fil-Ġnien ta' Ta' Ġiorni u Ġnien Saver Żarb. Is-Segretarju kien bagħat il-kwotazzjonijiet.

**33.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen;**

33.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li Triq Francis Zammit kwazi lesta u ser tinbeda Triq Lapsi.

33.3.02 Ser tkun tintbagħat lill-Kurja dwar il-bust ta' Dun Anton Sciberras.

33.3.03 Dwar it-talba mid-Dilletanti tal-Knisja ta' Lapsi għal għajnuna finanzjarja minn skemi tar-Reġjun kellna niċċekjaw dwar skema 8/2020.

33.3.04 Fir-rigward l-viżita ġewwa l-Ungerija, is-Sindku mhux ser ikun qiegħed jattendi minħabba raġunijiet tiegħu personali minfloku ser ikun qiegħed jitla' l-Viċi Sindku Clayton Luke Mula, ser ikunu qed jitilgħu wkoll l-Kunsilliera Patricia Camilleri u Rita Dimech Portelli minħabba li qatt ma kienu telgħu, filwaqt li l-persuna l-oħra ser tkun qed tintgħażel bil-polza. Is-Segretarju kiteb l-ismijiet ta' min wera interess li jmur. Il-persuna l-oħra intagħżlet bil-polza hija l-Kunsillier John Agius.

**33.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

33.4.01 Il-Kunsillier Martin Sultana qajjem il-punt li ħdejn il-ħajt li qed isir fi Triq il-Kbira, qiegħed jinħareġ l-iskart min-naħa tal-lukanda li hemm, talab li ninfurmawhom. Qajjem il-punt ukoll dwar l-iscooters li qed ikun hawn fil-lokalitajiet'. Huwa qajjem il-punt quddiem l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesu fi Pjazza Spinola għadha mitfija kollha. Staqsa wkoll fiex waslu l-pjanijiet ta' l-MTA għar-restawr tal-boat houses.

33.4.02 Il-Kunsilliera Patricia Camillieri qajmet l-punt dwar il-borża s-sewda minħabba s-sajf, hija ġiet nfurmata li din tinġabar extra kull nhar ta' Erbgħa.

**33.5 Bye-Law – Ħamiem**

33.5.01 Is-Segretarju ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill bye law dwar il-kontroll tal-ħamiem. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu.

**33.6 Premju Ġieħ San Ġiljan;**

33.6.01 Din ser tkun qed issir f'Ottubru. Ġew nominati dawn il-persuni - Neil Agius, Kenneth Zammit Tabona, Albert Storace, Moira Delia, is-Sur Charles Sciberras (in absensia), is-Sur Brian Cefai, Chev. Patrick Falzon Gough, Is-Sur Anthony Debono, is-Sinjorina Hannah Giacchino, l-ex Segretarju Eżekuttiv Helen Walker. Kien hemm suġġerit wkoll il-familja tat-tennisti Axiaq u l-Pittur Raymond Pitre', fir-rigward l-aħħar tnejn kellna niċċekjaw jekk dawn jgħixux / għexu f' San Ġiljan.

**33.7 Talbiet żgħar;**

**33.7.01 Email dwar sejħiet għall-proġetti taħt il-programm il-ġdid tal-Unjoni Ewropea CERV – Town Twinning / Network of Towns (Inc. 21560/21);**

33.7.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li naraw jekk nistghux namlu ġemmellaġġ ma' x'imkien iehor.

**33.7.02 Email dwar Ċirk AKL 2021/060 EUROPEAN MOBILITY WEEK 2021 – Competitions (Inc. 21758/21, Inc. 22143/21 & 22162);**

33.7.02.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tintbagħat l-applikazzjoni lill-Kunsillier Adrian Domenic Ellul.

**33.7.03 Email dwar Access City Award 2022 (Inc. 21766/21);**

33.7.03.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ma napplikawx għaliha.

**33.7.04 Email dwar korrispondenza rigward uzu ta' e-scooters (Inc. 21811/21);**

33.7.04.01 Din nġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**33.7.05 Email dwar Direttiva 2-2021 – Contracts Manager (Community Works) (Inc. 21845/21);**

33.7.05.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ser terġa titella' fil-laqgħa li jmiss sabiex tiġi diskussa fit-tul.

**33.7.06 Email dwar San Ġiljan ASC – Defliberator (Inc. 21969/21);**

33.7.06.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill aċċetta l-proposta tagħhom għal-defliberator. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul issuġġerixa li nkelmu lill-Heart Foundation sabiex ikun hemm oħrajn fil-lokalita'.

**33.7.07 Email dwar permit outdoor classes (Inc. 22075/21);**

33.7.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**33.7.08 Żewġ kwotazzjonijiet mingħand il-kuntrattur Fix All (Inc. 22120/21 & 22119/21);**

33.7.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tiġi aċċetata t-tieni kwotazzjoni.

**33.7.09 Bye-law dwar kontroll tal-Ħamiem.**

33.7.09.01 Din giet diskussa qabel fl-aġenda.

**33.7.10 Email dwar Confirmation: Installation of Charging Pillars in your locality (Inc. 22231/21);**

33.7.11.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill qed jaqbel ma dawn il-points.

**33.7.12 Email dwar AED San Giljan (Inc. 22171/21);**

33.7.12.01 Din ġiet diskussa qabel.

**33.7.13 Email mingħand Spinola Band Club dwar Kollaborazzjoni tal-Banda Spinola mal-Kunsill Lokali (Inc. 22241/21);**

33.7.13.01 Wara diskussjoni ġie deċiż li niltaqgħu magħhom.

**33.7.14 Ittra mingħand l-ERA dwar legal notice dwar l-iskips.**

33.7.14.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nżiedu żewġ settijiet skips fi Triq il-Baltiku u set ieħor fi Triq il-Wilġa.

**33.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

33.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. sa . (Ara Appendiċi 'B')

33.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**33.9 Skeda tal-Pagamenti**

33.9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'Ċ')

33.9.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

33.9.03 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ssekondaħ fl-approvazzjoni.

**33.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

33.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Erbgha 11 ta' Awwissu 2021 fil-5.00p.m.

33.10.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15p.m.

IFFIRMATI,

| | |
|---|---|
| **Dott. Albert Buttigieg**<br>**Ċermen** | **Paul Spiteri**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 11 ta' Awwissu 2021